**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D.**

**Illum 9 ta' Settembru, 2002**

**Appell Nru 130/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fil-Marsa u f'Rahal Gdid, nhar l-10 ta' April, 1997, ghall-habta ta' l-4.00pm., waqt li kien qieghed jaghmilha ta' xufier tal-karozza tal-linja nru. Y-0532:

**(1)** ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta' Alistair Bianco miz-Zejtun, (skond ma ccertifika Dr. E. Pace Balzan M.D. tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid) li huwa Inspector ta' l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, u b'hekk inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
**(2)** talli, fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi Alistair Bianco, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;
**(3)** talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
**(4)** talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi fixkel lill-imsemmi Alistair Bianco waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu u gab fix-xejn jew hassar dak li huwa kien ghamel skond il-ligi;
**(5)** talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi qal kliem jew espressjonijiet ta' dagha;
**(6)** talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel uzu minn biljetti mhux dawk kif mahrug mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku;

**(7)** talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi telaq minn wara l-i*steering* meta kellu l-passiggieri;
**(8)** u aktar akkuzat talli sar recidiv wara li kien gie kkundannat ghal diversi reati b'sentenzi li saru deffinittivi;

il-prosekuzzjoni talbet ukoll sabiex l-imsemmi Joseph Zahra jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra **mhux hati** skond is-**sitt** u s-**seba'** imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, izda **sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghal erba' xhur prigunerija**.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Zahra, minnu ppresentat fid-29 ta' Mejju, 2002 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Lulju, 2002; ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda incident li l-appellant kellu ma' certu Alistair Bianco. Dan Bianco, li kien jahdem ta' *ticket inspector*, mar biex juri lill-appellant xi biljetti li, skond hu, ma kienux inhargu kif imiss lill-passiggieri li kienu fuq ix-xarabank misjuqa mill-istess appellant. L-appellant jghid li Bianco kwazi habbat dawn il-biljetti ma' ghajnejh u aggredih (jigifieri Bianco aggredixxa lill-appellant); Bianco jghid li kif appena huwa wera dawn il-biljetti lill-appellant u talbu spjegazzjoni, dan (l-appellant) qam ghalih, tah bil-ponn u beda jsabbtu mas-*seats* tax-xarabank.

L-appellant ghandu diversi aggravji li ser jigu trattati wiehed wiehed, ghalkemm mhux necessarjament fl-ordni li tqajjmu. L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li biex accettat il-versjoni ta' Bianco, l-ewwel qorti *"dehret li kienet influwenzata minn cirkostanzi estranei ghal dawk li rrizultaw f'din il-kawza"* u li *"ghalhekk il-gudizzju tal-Qorti kien influwenzat indebitament"*. L-appellant ma indikax x'inhuma dawn ic-"cirkostanzi estranei" li qed jirreferi ghalihom; u anke fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti dawn baqghu ma gewx indikati. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax hlief tikkunsidra dana l-ilment bhala allegazzjoni gratuita li gratuitament qed tigi respinta.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu li l-ewwel qorti ma indikatx (fis-sentenza taghha) *"liema artikoli tal-ligi inkisru mill-appellant in relazzjoni ghal liema imputazzjoni"* b'mod ghalhekk li hu gie pregudikat fl-istadju ta' appell. Dana l-aggravju hu infondat. Presumibbilment l-appellant qed jilmenta li ma gietx osservata l-formalita` -- jew <u>xi</u> formalita` -- skond l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu, li jirrikjedi li s-sentenza ghandha "…ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat", ma jirrikjedix li, jekk ikun hemm aktar minn imputazzjoni wahda, id-diversi artikoli msemmija jridu

jissemmew kull wiehed in relazzjoni ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet. Il-prassi kemm tal-Qrati Inferjuri kif ukoll tal-Qorti Kriminali u ta' din il-Qorti (anke meta tkun komposta minn tlett imhallfin) hi li <u>f'xi parti tas-sentenza</u> -- normalment jew qabel id-*decide* jew qabel il-paragrafu li jsemmi l-piena – <u>fl-linja wahda u wara xulxin</u> jigu ndikati d-diversi disposizzjonijiet tal-ligi li jkunu jikkontemplaw id-diversi reati. Hekk ukoll sar fil-kaz in dizamina, kif jirrizulta mill-paragrafu ta' qabel l-ahhar tas-sentenza. Dan jissodisfa l-vot ta' l-Artikolu 382 imsemmi. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Aggravju iehor (it-tieni wiehed fl-ordni li ingieb fir-rikors ta' appell) u li *"l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jissufragawx hafna mill-imputazzjonijiet li taghhom [hu] instab hati"*. Hawnhekk l-appellant ghandu, in parti, ragun. Ghalkemm din il-Qorti ma ghandhiex dubbju li l-versjoni korretta ta' dak li gara hija dik moghtija minn Bianco (anke peress li bejn il-verzjoni li ta l-appellant lill-pulizija fl-istqarrija tieghu u d-deposizzjoni tieghu tas-7 ta' Mejju, 2001 [fol. 139] dwar kif garrab l-offizi fuq il-persuna tieghu Bianco, hemm diskrepanzi notevoli u difficilment spjegabbli), din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant seta jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` tar-reat ta' attakk u resistenza skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi <u>ghall-ezekuzzjoni tal-ligi</u> jew <u>ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti</u>". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan <u>is-servizz</u>, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-<u>esekuzzjoni ta' dan is-servizz</u>". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi. Ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni. L-imputazzjonijiet l-ohra (cioe` l-ewwel, it-tielet, ir-raba`, il-hames u t-tmien imputazzjoni) jirrzultaw pruvati.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. L-appellant talab li din il-Qorti ma tikkundannahx ghal piena restrittiva tal-liberta` tal-persuna, u dana principalment ghax huwa jrid jghajjex lill-familja bil-hidma tieghu. Din il-Qorti, pero`, tara li apparti l-antecedenti penali tar-rikorrent – li juru karattru altament refrattarju u vjolenti – kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna ghandha, bhala regola, iggib maghha piena restrittiva tal-liberta` tal-persuna b'effett immedjat. Socjeta` civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt gustifikat) jahbat ihebb jew isawwat lil dak il-haddiehor. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax alternattiva ghal piena karcerarja.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (**a**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni

imputazzjoni, u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni; (**b**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' erba' xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija; u (**c**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Assistent Registratur